**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**Rikors numru 246/2016**

**L-Awtorità ghas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta**

**vs**

**Roderick Meilaq**

**Illum, 08 ta' Novembru 2017**

Il-Qorti;

Rat r-rikors tal-awtorità rikorrenti, permezz ta' liema titlob li l-Qorti tikkundanna lill-intimat ihallas lill-awtorità rikorrenti is-somma dovuta minnu ta' €9,193.90. Dis-somma hija komposta mill-ammonti dettaljati fl-ittra lilu mibghuta fit-30 ta' Mejju 2016, hawn annessa bhala Dok. A. Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-5 ta' Lulju 2016, u bl-imghaxijiet legali mill-istess data, kontra l-konvenut li jibqa' minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat illi l-intimat ma prezenta l-ebda risposta.

Rat u qieset l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lir-rapprezentant tal-awtorità rikorrenti jikkonferma r-rikors bil-gurament.

Rat illi fis-seduta tal-25 ta' Ottubru 2017 gew prezentati l-kapitoli kontra l-intimat u l-kawza thalliet ghas-subizzjoni.

Rat illi l-intimat baqa' ma deherx biex jikkontesta l-istess kapitoli.

Ikkunsidrat:

Illi l-intimat huwa kontumaci stante illi mhux biss ma pprezenta l-ebda risposta ghat-talbiet tar-rikorrenti izda ukoll naqas milli jidher quddiem il-Qorti u ghalhekk ma kkontesta bl-ebda mod it-talbiet tar-rikorrenti.

Illi fis-seduta tal-25 ta' Ottubru 2017 gew prezentati l-kapitoli kontra l-intimat u l-kawza thalliet ghas-subizzjoni;

Illi l-intimat baqa' ma deherx biex jikkontesta l-istess kapitoli u ghalhekk it-talbiet tal-awtorità rikorrenti jirrizultaw pruvati.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qieghda tilqa' t-talbiet tal-awtorità rikorrenti bl-ispejjez kontra l-intimat.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur